## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# KUMP. NRU. 565/2022: IL-PULIZIJA (SPETTUR COLIN SHELDON) V. NURTON BORG (KI. 185796M)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**27 ta' Settembru 2022**

IL-QORTI,

wara li rat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra Nurton Borg ("l-imputat") ta' 26 sena, bin Paul u Maria Anna xebba Micallef, imwieled Pieta' nhar is-16 ta' April 1996, residenti ġewwa 102, Les Camilles, Flat 1, Triq tal-Qroqq, Msida u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 0185796M:

> **« talli b'diversi atti, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed, imsejjah reat kontinwat, gewwa sit ta' kostruzzjoni fi Triq il-Gzira, Gzira u f'dawn il-Gzejjer, fil-lejl ta' bejn l-14 ta' Settembru 2022 u sbieh il-15 ta' Settembru 2022 minn 23:48 hrs sa 00:30 hrs u zminijiet ta' qabel:**
>
> 1. **Ikkommetta serq ta' ghodod, liema serq huwa kkwalifikat bil- "valur" li huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda li ma kienx iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil- 'hin', liema serq li sar ghad-dannu ta' Alan Farrugia, Bradley Vella u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra.**
>
> **... talli gewwa sit ta' kostruzzjoni fi Triq il-Gzira, Gzira u f'dawn il-Gzejjer, fil-21 ta' Settembru 2022 minn 18:00 hrs sa 19:00 hrs u zminijiet ta' qabel:**
>
> 2. **Ikkommetta serq semplici ta' ghodod tal-valur ta' madwrar €200, liema serq li sar ghad-dannu ta' Alan Farrugia, Bradley Vella u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra.**

3. **Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi u fiz-zminijiet ta' qabel gewwa l-Gzejjer Maltin naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Marse Ann Farrugia LL.D. fid-digriet taghha tal-11 ta' Frar 2021 li bih inghata l-ħelsien mill-arrest u dan bi ksur ta' Artikolu 579(1)(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tikkonsidera lil Nurton Borg bhala ricediv ai termini tal-Artikolu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenza moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr Anthony G. Vella LL.D. nhar l-10 ta' Marzu 2016, liema sentenza saret definittiva w ma tistax tinbidel.** »

wara li rat illi rat li fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2022, meta l-imputat tressaq taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti Istruttorja u sar l-eżami tiegħu ai termini tal-Art. 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap. 9, l-imputat iddikjara li ma' kellu l-ebda oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja u l-Uffiċjal Prosekutur inoltre iddikjara li l-Avukat Ġenerali tat il-kunsens tagħha bil-miktub f'dan ir-rigward (dokument esebit in atti). Għalhekk f'dak l-istadju l-Qorti saret kompetenti li titratta l-każ tal-imputat u pproċediet bħala Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali,

wara li rat li fl-aħħar tal-eżami msemmi l-imputat wieġeb li kien ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih u kkonferma l-istess ammissjoni anke wara li l-Qorti fissritlu l-konsegwenza ta' dik l-ammissjoni u tatu ċans jikkonsulta mal-avukat tal-fiduċja tiegħu sabiex jerġa jahsibha,

wara li rat id-dokumenti esebiti in atti,

wara li semgħet it-trattazzjoni fuq il-piena magħmula:

- għan-nom tal-Prosekuzzjoni mill-Ispettur Colin Sheldon
- għan-nom tal-imputat mill-Avukat Dr. Joe Giglio,

qed tagħti din is-

## Sentenza

**Fid-dawl tal-ammissjoni reġistrata fl-atti skond il-liġi l-Qorti wara li rat l-artikoli relattivi tal-liġi (Art. 49, 50, 261(c), 261(f), 267, 270, 279(a), 284,289, u 579(2) tal-Kap . 9 tal-Liġijiet ta' Malta) issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu inkluż dik tar-reċidiva u tikkundannah għall-piena karċerarja ta' tmintax-il (18) xahar.**

**Inoltre l-Qorti qegħda toħroġ Ordni ta' Kumpens ai termini tal-Art. 15A tal-Kap. 9 billi tordna lill-imputat iħallas lill-persuni leżi l-ammont ta' € 1,350 bejniethom**

**bħala kumpens għat-telf li soffrew, liema somma għandha titħallas entro sitt (6) xhur mil-lum.**

| | |
|---|---|
| **V.G. Axiak** | **Y. M. Pace** |
| **Maġistrat** | **Dep. Reġistratur** |